MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 589/1994/1

**Dottor Carmelo Mifsud Bonnici ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` kummercjali Capt A. Caruana limited**

**vs**

**Francis Vella ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` kummercjali Express Trailers limited u b'digriet ta-26 ta' Ottubru 1994 gie kjamat in kawza George Zammit**

**Il-Qorti;**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR NOMINE**

1. B'citazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l-attur nomine ppremetta s-segwenti :-
Peress illi l-attur nomine inkariga lis-socjeta` konvenuta sabiex hija twassal Malta mill-Isvizzera konsenja ta' sigaretti li kellha tasal hawn Malta f'Mejju tan-1993;

Peress illi l-konvenuti nomine baqghu ma wasslux il-konsenja u dan minhabba tortijiet imputabbli lilhom u dan kkagunat danni konsiderevoli lis-socjeta` attrici kemm f'telf attwali u hemm ukoll f'dawk futuri;

Talab li:-

(i) is-socjeta` konvenuta tigi dikjarata minn dik il-Qorti responsabbli ghad-danni li kkaggunat lis-socjeta` attrici minhabba n-negligenza, traskuragni u imperizja f'dan l-inkarigu ta' trasport ta' konsenja ta' sigaretti mill-Isvizzera ghal Malta;

(ii) tillikwida d-danni kagunati lill-atturi u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;

(iii) is-socjeta konvenuta thallas lill-atturi nomine s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-30 ta' Mejju, 1993, kif ukoll l-ispejjez legali ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Settembru, 1993.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT NOMINE**

2. Il-konvenut nomine eccepixxa hekk:
Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa m'huwiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur nomine stante li din il-merkanzija ma waslitx Malta kawza ta' cirkostanzi li dwarhom l-eccipjenti ma kellu l-ebda kontroll dwarhom, u dan peress illi din il-merkanzija giet sekwestra mill-awtoritajiet doganali gewwa Milan, l-Italja.

Illi fi kwalunkwe kaz, pero` u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti jirrileva li l-kuntratt ta' garr in kwistjoni gie sub-appaltat minnu a favur ta' certu George Zammit li attwalment garr il-merkanzija mill-Isvizzera sa Milan fejn din giet sekwestrata. Mill-indagni li ghamel l-esponent ma' l-awtoritajiet esteri, huwa nghata x'jifhem li dan it-trailer infetah u kellu s-sigilli miksurin pero` dawn il-fatti ma jistax jikkonfermahom u ma huma bl-ebda mod ammessi f'dan l-istadju;

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-esponent ghandu interess li jitlob li jigu kjamati in kawza George Zammit u s-socjeta` estera Eur Service Srl billi dawn kellhom il-kustodja u l-pussess tal-merkanzija fil-mument meta l-awtoritajiet Taljani ssekwestraw l-istess u ghalhekk f'kaz li din il-Qorti tirritjeni li l-eccipjenti huwa b'xi mod responsabbli fil-konfront ta' l-attur nomine, il-konvenut ghandu interess li dawn il-persuni jigu minn issa kjamati fil-gudizzju kemm ghall-ekonomija tal-gudizzju kif ukoll peress illi l-esponent ghandu dritt ta' rivalsa fil-konfront ta' George Zammit u l-imsemmija socjeta` Eur Service Srl.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost kwalunkwe responsabilita` li tista' tigi determinata minn din il-Qorti hija limitata ai termini tal-kondizzjonijiet ta' garr.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju, 1999, it-talbiet attrici gew akkolti u filwaqt li l-appellant nomine gie dikjarat responsabbli ghad-danni li gew kagonati lis-socjeta` attrici, gie kundannat ihallas is-somma globali ta' Lm35,916.77 in linea ta' danni u bl-imghaxijiet kollha legali u bl-ispejjez kontra tieghu.

**L-APPELL TAL-KONVENUT NOMINE**

4. Il-konvenut nomine hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell minnha.

4.2 L-aggravji tal-konvenut nomine huma dawn:

(i) **Fatti tal-Kaz**

Illi mill-provi li tressqu mill-partijiet jidher pacifiku illi f'dan il-kaz, is-socjeta` konvenuta nghatat l-inkarigu mis-socjeta` attrici sabiex iggorr konsenja ta' sigaretti mill-Isvizzera lejn Malta u li kien pattwit bejn il-partijiet illi dan il-kuntratt ta' garr kellu jkun regolat u subordinat ghal dawk li huma maghrufin f'dan il-qasam bhala CMR Rules jew ahjar Convention on the Contract for the International Carriage of Goods by Road (Geneva, 1956), tant li nharget dik li tissejjah CMR Consignment Note kif jidher mid-dokument C annessa man-nota li giet prezentata fl-udjenza tat-2 ta' Mejju, 1997.

Jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta da parti taghha s-subappaltat dan il-kuntratt lil certu Andrew Zammit u li in adempiment ma' l-obbligi tieghu dan Zammit ghabba l-merkanzija mill-Isvizzera u waqaf Milan fejn kellu jghabbi merkanzija ohra fuq it-trailer in kwistjoni minghand l-agenti tal-konvenuti, E.U.R. Services. Jirrizulta illi dan Zammit inghata struzzjonijiet biex jiftah it-Trailer biex titghabba l-merkanzija l-ohra minghand id-dirigenti ta' l-imsemmija socjeta` EUR Services izda sussegwentement l-ufficjali doganali Taljani (Guardia di Finanza) ssekwestraw it-trailer inkluz il-merkanzija destinata lill-atturi fuq suspett ta' kuntrabandu. Din il-merkanzija baqghet in fatti sekwestrata sakemm gew decizi dawn il-proceduri gewwa l-Italja fejn skond is-sentenza relattiva u esebita fil-process jidher car illi l-akkuzati, fosthom dan Andrew Zammit, gew liberati mill-akkuzi migjuba kontra taghhom "perche` il fatto non sussiste.."

Huwa rilevanti wkoll li jigi notat illi dan it-"trailer" gie eventwalment liberat u l-merkanzija rimpjazzata mill-awtoritajiet Taljani billi dik originali lahqet skadiet fil-frattemp.

Illi mill-provi jirrizulta illi meta fil-fatt l-awtoritajiet Taljani irrimpjazzaw din il-merkanzija fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-esponent ghamel diversi tentattivi sabiex jintlahaq qbil ma' l-atturi sabiex din il-merkanzija tkun tista' tingab hawn Malta u jew tigi rilaxxjata favur l-atturi, jew tinbiegh u r-rikavat jinzamm mill-istess atturi u fl-estrem

tinbiegh u r-rikavat jigi depositat il-Qorti sakemm tigi deciza l-kawza. Ghandu jigi rilevat illi f'dawn it-tentattivi l-esponent kien motivat biss minn opportunita` li indipendentement mir-responsabilita` o meno tal-partijiet, jigi minimizzati d-danni li sofrew l-atturi.

Illi huwa rilevanti wkoll li jinghad illi din il-merkanzija ghajr ghal parti limitata hafna kienet identika ghal dik originarjament sekwestrata. L-esponenti ma kienux fil-qaghda li jaqbdu u jbieghu l-merkanzija l-gdida peress illi skond ma gie konfermat mill-konsulent legali tad-ditta attrici fl-ittra tieghu tat-23 ta' Awissu, 1996 "…sale of any part of the merchandise in this island is illegali and my clients reserve to take legal action they deem fit should this occur."

(ii) **Responsabilita`**

Jidher li l-ewwel Qorti irriteniet illi l-akkadut li wassal ghall-mankata konsenja kien kollu htija ta' l-esponent u li l-fatti li taw lok ghas-sekwestru tal-merkanzija gewwa l-Italja ma kienux fatti jew cirkostanzi li setghu jagevolawh mir-responsabilita` li jwassal il-merkanzija fid-destinazzjoni taghha u fit-terminu pattwit.

Illi huwa minnu illi mill-provi irrizulta illi x-xufier tat-truck kisser is-sigilli meta kien Milan biex ikun jista' jghabbi merkanzija ohra li kellha tingarr minn Milan lejn Malta. Dan il-ksur tas-sigilli ma sarx quddiem l-ufficjal tal-Gwardja tal-Finanza u jidher li Zammit inghata struzzjonijiet biex jaghmel dan mis-socjeta` EUR Services. Jidher illi s-sekwestru tal-merkanzija sar fuq suspett ta' kuntrabandu u mhux fuq il-ksur tas-sigilli per se u kien ghalhekk illi l-esponent gab prova biex juri illi eventwalment dan Zammit gie liberat mill-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu.

Illi kif gja gie trattat quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u kif fil-fatt accettat l-Ewwel Qorti, dan il-kuntratt ta' garr kien soggett ghalhekk imsejjha "CMR Rules".

Illi l-eccezzjoni principali ta' l-esponent f'dan il-kuntest hija bazata fuq l-Artikolu 17(2) tac-CMR li jipprovdi illi:-

"The Carrier shall however be relieved of liability if the loss, damage or delay was cased by the wrongful act or neglect of the claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as a result of a wrongful act or neglect on the part of the carrier, by inherent vice of the goods or ***through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent".***

Huwa sottomess li ma hemm xejn irregolari fil-fatt illi l-esponent ta struzzjonijiet lix-xufier biex jghabbi merkanzija ohra minn Milan; dan huwa normali u komuni f'dan it-tip ta' xoghol, aktar u aktar meta wiehed iqis illi f'dan il-kaz kien qed jintuza "groupage trailer" li jimplika ghalhekk illi merkanzija setghet titghabba minn diversi postijiet ohrajn. Dan il-fatt hu rilevanti ghaliex l-attur nomine ma hallasx ghal "full trailer load" f'liema kaz l-esponent ma kien ikollu ebda dritt li jieqaf Milan jew bnadi ohrajn u jigbor merkanzija ohra.

Jirrizulta car illi l-esponent nomine ma ta ebda struzzjonijiet lix-xufier jew lill-agent tieghu biex jinkisru s-sigilli kif fil-fatt inkissru jew biex ma tigix adottata l-procedura li hija adottata f'kazijiet bhal dawn. Li gara kien kollu rizultat ta' l-agir ta' EUR Services u tax-xufier Zammit ghalkemm ghandu jinghad ukoll illi s-suspett ta' l-awtoritajiet Taljani rrizulta li kien ghal kollox infondat.

Illi kif jikkummenta l-awtur Malcolm A. Clarke fix-xoghol tieghu intitolat : <u>International Carriage of Goods by Road: CMR</u> [Second Edition pp. 355]

For the defence of unavoidable circumstances, as the name suggests, the evidence must disclose a cause that was the unavoidable cause of the loss, damage or delay. At first sight, the description of the defence suggests loss, damage or delay which could not have been avoided by the carrier, something quite literally, inevitable. However, in England, the defence of unavoidable circumstance is

not read literally. It does not require absurd or extravagant measures of the carrier, but that the circumstances causing loss, damage or delay could not be avoided by the exercise of “utmost care” on the part of the carrier.

L-istess awtur ikompli jghid illi “utmost care is not, in any literal sense, extreme care but imports some notion of what is “practical” and “short of the absurd” [p. 379]

Huwa sottomess ghalhekk illi fin-nuqqas ta’ provi li juri b’xi mod illi l-agir tal-konvenut ma kienx konformi ma’ dak li ragjonevolment kien mistenni minnu fl-adempiment ta’ l-obbligi tieghu jew provi li juru li l-kawza ghan-nuqqas li tigi konsenjata l-merkanzija hija imputabbli lilu minhabba cirkostanzi li seta’ jevita, il-kawza ta’ l-attur ma ghandhiex tirnexxi u li l-eccezzjoni minnu sollevat hija gustifikata. Zgur illi l-esponent ma kienx f’qaghda li jipprevedi x’tip ta’ struzzjonijiet ser jinghataw mill-agent tieghu lix-xufier; semmai huwa aktar probabbli illi f’kaz bhal dan l-esponent ippreveda illi l-agent tieghu ser josserva dawk il-pratiki soliti li jirregolaw kazijiet simili fil-pajjiz fejn jopera l-agent.

(iii) **Danni**

Illi l-Ewwel Qorti illikwidat danni ammontanti ghal Lm35,916.77 rapprezentanti kwantu ghal Lm23,172.11 valur tal-merkanzija u Lm12,744.66 bhala telf ta’ profitt li waslet ghaliha billi applikat rata ta’ hamsa u hamsin fil-milja (55%) fuq il-valur tal-merkanzija.

Illi l-esponent ihoss ruhu aggravat bil-mod eccessiv li gew likwidati d-danni pretizi mill-kontro parti u aktar u aktar billi injorat ghal kollox it-tielet eccezzjoni sollevata minnu fis-sens li dawn id-danni huma limitati skond il-kondizzjonijiet tal-garr applikabbli.

Illi tajjeb illi jigi sottolinejat illi skond ic-CMR Rules, l-Artikolu 23 jipprovdi s-segwenti:-

1. *When under the provisions of this Convention, a carrier is liable for compensation in respect of total or partial loss*

*of goods, such compensation shall be calculated by reference to the value of the goods at the place and time at which they were accepted for carriage.*

*2. The value of the goods shall be fixed according to the commodity exchange price or, if there is no such price, according to the current market price or if there is no commodity exchange price or current market price, by reference to the normal value of the goods of the same kind and quality.*

*3. Compensation shall not however, exceed 8.33 units of account per kilogram of gross weight short.*

*4. In addition, the carriage charges, customs duties and other charges incurred in respect of the carriage of goods shall be refunded in full in case of total loss and in proportion to the loss sustained in case of partial loss, but no further damages shall be payable.*

Illi l-esponent ma jikkostestax il-fatt illi l-valur tal-merkanzija f'dan il-kaz kien ta' Lm23,172.11. Illi f'dan il-kaz, pero` jirrizulta mid-dokumenti A u B annessi man-nota prezentata mill-esponent fit-2 ta' Mejju, 1997, illi l-gross weight tal-merkanzija in kwistjoni hija ta' 3,002 kilogramm filwaqt illi r-rata medja ta' l-Ispecial Drawing Right (SDR) fix-xahar ta' Mejju, 1993, ix-xahar meta bdiet tingarr il-merkanzija, kienet ta' 1.903819 paragonata ma' Lira Maltija (Lm1) bil-konsegwenza ghalhekk illi 1 SDR kien fiz-zmien rilevanti ekwivalenti ghal 0.52526 cents. Isegwi ghalhekk li kien jispetta lill-Ewwel Onorabbli Qorti li tapplika l-formola prevista fl-Artikolu 23(3) tal-Convention u cioe` li l-ammont ta' danni massimi illi l-esponent seta' jigi kundannat ihallas f'kaz illi jigi tenut responsabbli kien ta' 3002X8.33X(Lm)0.52526 = Lm13,134.998.

Huwa sottomess ghalhekk illi ghal dak li jirrigwarda kumpens rapprezentanti l-valur tal-merkanzija, il-massimu li l-Ewwel Qorti setghet tillikwida kien ta' Lm13.134.998. Minflok l-Ewwel Qorti illikwidat il-valur shih tal-merkanzija minghajr ma tat ebda gustifikazzjoni ghalfejn kienet qed tisvija mill-principji applikabbli ghall-kaz.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-telf ta’ profitt, l-esponent jissottometti illi skond ic-CMR Convention, u sewwa sew l-Artikolu 23 hawn fuq citata, “loss of profits” mhumiex kontemplati u ghalhekk l-Ewwel Qorti illikwidat dawn id-danni inkorretement. In fatti l-Artikolu 23(4) wara li jipprovdi dwar l-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-garr (spejjez li mhumiex qed jigu reklamati f’dan il-kaz) jipprovdi espressament “**…but no further damages shall be payable**”. Fis-sentenza rapportata fil-Lloyd’s Reports (1977) 1, p.234, 237, Lord Denning eskluda proprju talba ghat-telf ta’ profitt fid-dawl ta’ l-Artikolu tac-CMR hawn fuq citat.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess ghandu jinghad ukoll illi l-Qorti illikwidat is-somma ta’ Lm12,744.66 bir-rata ta’ hamsa u hamsin fil-mija (55%). Hawn ghandu jigi sottolinjat illi l-attur ma gab ebda prova dwar percentagg ta’ profitt li seta’ kellu f’dan il-kaz kieku biegh il-merkanzija fis-suq. Oltre dan ir-rata ta’ 25% kienet tkun aktar ragjonevoli.

Fid-dawl tal-premess ghalhekk l-esponent jikkontendi illi l-massimu li setghet illikwidat l-Ewwel Qorti in linea ta’ danni kien ta’ Lm13,134.998.

(iv) **Tnaqqis ta’ danni**

L-esponent jissottometti illi huwa principju baziku u radikat fis-sistema legali lokali illi d-danni ghandhom jigu minimizzat. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet “Cannata vs Skapinakis” fl-4 ta’ Mejju 1953 (Vol. XXXVII.III.863) gie ritenut:-

“illi huwa principju generali, stabbilit f’materja ta’ mizura ta’ danni, li min isofrihom ghandu jaghmel mill-ahjar sabiex inaqqas l-estensjoni taghhom, biex jissalvagwarda bhala “bonus pater familias” l-interessi ta’ min ikun skond il-kaz, tenut eventwalment ihallashom. Dan il-principju huwa radikat fil-gius u l-praticita tal-hajja l-ghaliex mhux skond il-principju tal-gustizzja naturali li thalli li d-dannu jestendi ruhu meta tista’ tillimitah, bil-hsieb illi sejjer jirriversa ruhu

fuq haddiehor; u mhux skond il-pratticita tiddepawpera lill-eventwali debitur tieghek bil-periklu tal-perdita` tal-kreditu eventwali – ipotezi li tista' tavvera ruhha."

F'dan il-kaz ghandna sitwazzjoni fejn in segwitu tal-proceduri li ttiehdu fil-qrati Taljana kif gja` gie spjegat, ingabet Malta konsenja ta' sigaretti ohra li hija identika ghal dik originarjament ordnata mill-attur. Din il-merkanzija kienet gdida u nghata appozitament mill-awtoritajiet Taljani biex tirrimpjazza dik sekwestrat in vista ta' l-ezitu fil-proceduri kriminali. Din il-merkanzija effettivament ingiebet Malta mill-esponent izda minkejja t-tentattivi kollha li ghamel l-esponent biex jikkonvinci lill-kontro-parti biex taccetta l-merkanzija jew taqbel li tinbiegh il-merkanzija biex jigu saldati in parte d-danni pretizi u minghajr pregudizzju ghall-proceduri odjerni, din il-merkanzija thalliet zmien twil fil-"groupage bond" gewwa Hal Far fejn eventwalment giet distrutta mill-awtoritajiet kompetenti. Kif gia` gie rilevat, l-esponent ghamel kull tentattiv biex din tinbiegh a beneficcju ta' l-attur izda dan ma riedx ghaliex fil-fehma tieghu s-suq ghal dawn is-sigaretti spicca. Fl-istess hin l-atturi gheddew li jfittxu lis-socjeta` konvenuta biex jipprovaw li jbieghu l-istess partita. Kien proprju ghalhekk li l-esponent ipprezenta r-rikors tieghu biex jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ghal rimedju. Kien x'kien is-suq fiz-zmien in kwistjoni, zgur li seta' jigi rikavat xi valur mill-istess sigaretti ghaliex dan hu oggett li jigi konsmat, anke jekk dawn inbieghu bi prezz ridott, liema ammont seta' xorta kien wiehed sostanzjali.

Illi l-isfortuna hi li l-Ewwel Qorti baqghet ma ddegretatx ir-rikors intavolat f'dan is-sens mill-esponent nonostante diversi rikjesti mill-esponent, ghalkemm fis-sentenza appellata donnha intebhet illi kien hemm darba din l-opportunita` u ghamlet appell lill-attur biex "…f'kaz illi l-merkanzija hi vendibbli, tikkonsidra li tispaccja l-istess merkanzija fis-suq u l-eventwali rikavat imur akkont tad-danni kollha sofferti minnha u likwidati bil-prezenti".

Is-sottomissjoni ta' l-esponent f'dan il-kuntest hi illi la darba huwa principju stabbilit li jezisti l-obbligu li jigu minimizzati d-danni, kwalunkwe agir ta' persuna li jmur

kontra dan l-obbligi baziku ghandu jigi sanzjonat u penalizzat aktar u aktar meta fic-cirkostanzi attwali giet prezentata opportunita` eccezzjonali li tinbiegh il-merkanzija gdida li ntbaghtet mill-awtoritajiet Taljani u xorta wahda l-attur nomine irrifjuta li jaghmel l-icken tentattiv li jbiegh il-merkanzija biex jirkupra r-rikavat u fuq kollox ghedded lill-esponent li hadd hliefu ma kellu l-poter li jispaccja l-merkanzija tal-marka in kwistjoni fis-suq lokali.

Din il-Qorti, hija ghalhekk mitluba li tnaqqas u timmitiga ulterjorment kwalunkwe ammont ta' danni li jistghu jigu likwidati fil-konfront ta' l-esponent.

Ghaldaqstant, l-appellant nomine talab li din l-Qorti joghgobha:

(1) tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi fit-28 ta' Mejju, 1999, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine u fin-nuqqas,

(2) minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea subordinata, f'kaz illi din il-Qorti tikkonferma l-kap rigwardanti r-responsabilita`, tirriforma dik il-parti tas-sentenza dwar il-likwidazzjoni tad-danni billi tirriduci l-ammont ta' danni a bazi tas-sottomissjonijiet avvanzati f'dan l-appell u bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-ATTUR NOMINE APPELLAT NOMINE</u>**

5. L-appellat wiegeb hekk:-

Illi ma hemmx dubbju illi l-origini wahdanija tal-grajja kollha li kkagunat danni ingenti lill-atturi, ghandha tinstab, kif tajjeb iddecidiet l-Ewwel Qorti, fl-agir inkonsult u li certament qajjem suspett, illi s-sigilli tal-kontenitur infethu minghajr il-prezenza, kif suppost, tal-Guardia di Finanza. Kieku ma kienx ghal dan l-agir kuntrarju ghar-regolamenti, il-holoq l-ohra tal-katina, jigifieri sekwestru matul il-process, deterjorazzjoni tal-merkanzija, telf tal-mument tajjeb tas-suq, eccetera, ma kinux zgur jigru. Huwa cert illi

l-atturi ma kellhom ebda htija ghal dan kollu. Il-htija kienet kollha, kif inhi ghal kollox car, anzi, kwazi, kwazi anke ikontestat, tal-persuna li tqabbdet mill-konvenuti nomine biex jesegwixxu l-kuntratt ta' trasport moghti lilhom mill-atturi. L-inosservanza tar-regolamenti hija fonti ta' tort kbir ghaliex l-inqas skusabbli kif ukoll l-inqas dibatibbli jew dubbjuza. Wiehed ikun jaf preciz x'ghandu jaghmel u ma jaghmlux, ghad-differenza ta' forom ohra ta' negligenza jew imperizja.

Illi ghar-rigward tal-"quantum" jidher illi l-Ewwel Qorti ghamlet gudizzju assennat. Is-suq f'dawn il-kazijiet jinbidel taht l-influwenza ta' diversi fatturi. Qatt ma tista' ggib lura l-istat tas-suq kif kien f'certu mument. Jista' jkun li s-suq jinbidel ghall-ahjar; jista' jkun, bhala fil-kaz prezenti jmur ghall-aghar. Difficilment jigu ripetuti preciz l-istess cirkostanzi. Id-dewmien kagunat mis-sekwestru kie fatali ghas-suq ta' dak it-tip ta' sigaretti fic-cirkostanzi partikolari ta' Malta. Il-fatt illi l-Ewwel Qorti ma kinitx iddegretat ir-rikors tal-konvenuti ghall-bejgh tas-sigarett li gew provduti mill-Awtoritajiet Taljani fit-tmiem tal-proceduri, ma jista' bl-ebda mod inaqqas mid-danni sofferti mill-atturi u risarcibbli mill-konvenuti, kienu x'kienu r-ragunijiet ghal dan ta' dik il-Qorti. Ta' min jirrimarka illi l-bejgh bir-ribass ta' merkanzija johloq konkorrenza li wkoll tikkaguna danni fil-kaz ta' bejgh ta' sigaretti ta' certu "Brand", u jiskredita b'mod lid-ditta li soltu tbieghhom. Dawn ikunu mbaghad danni li difficli li tikkwantifikahom. Mentri kien relativament facli l-kaz in ezami.

## **KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. Il-vertenza li tat lok ghal dan l-appell tikkoncerna inkariku moghti lis-socjeta` konvenuta appellanti mis-socjeta` attrici appellata sabiex din iggorr konsenja ta' sigaretti mill-Isvizzera ghal Malta. Il-garr, bi ftehim, kellu jigi regolat b'konvenzjoni specifika, igifieri il-"*Convention on the Contract for the International Carriage of Goods by Road 1956*" – fil-qosor, skond is-"*CMR Rules*".

Is-socjeta` konvenuta ma garritx l-merkanzija hi direttament. Minflok, il-garr gie sub-appaltat lil terz, certu Andrew Zammit. Is-socjeta` appellata ma kenitx involuta f'dan is-sub-appalt.

7. Il-merkanzija ma waslitx Malta. Gara li meta t-'*trailer*' misjuq minn Zammit dahal fit-territorju Taljan, safa' ssekwestrat mill-awtoritajiet doganali ta' dak il-pajjiz. Dan sehh ghar-raguni li f'certu stadju, waqt it-tragitt, dan Zammit kisser is-sigilli tat-'*trailer*' – hu jghid li dan sar fuq istruzzjonijiet minghand socjeta` ohra, EUR Services, agenti tas-socjeta` konvenuta. Billi l-awtoritajiet doganali ta' l-Italja kienu jghassu ghal kull possibilita` ta' kutrabandu ta' sigaretti, huma ddecidew li jissekkwestraw it-'*trailer*' bil-merkanzija li kien hemm gewwa fih b'kollox. Ittiehdu passi kriminali kontra x-xufier, izda dan gie assolt. Nel frattemp pero` lahqu ghaddew ix-xhur bla ma kien hemm rilaxx tal-merkanzija u s-socjeta` attrici harrket lis-socjeta` konvenuta ghad-danni. Fil-kors tal-proceduri – meta allura kienu ghaddew is-snin – is-socjeta` konvenuta infurmat lis-socjeta` appellata li l-awtoritajiet Taljani kienu rrimpjazzaw il-merkanzija "*in kind*" u permezz ta' rikors "*ad hoc*", talbu direzzjoni mill-Qorti ta' l-ewwel grad dwar x'jaghmlu b'din il-merkanzija. Is-socjeta` attrici ma dehritx propensa li taccetta merkanzija snin wara l-akkadut. Ghal xi raguni, digriet finali dwar din it-talba "interlokutorja" baqghet ma nghatatx mill-ewwel Qorti. F'kull kaz pero`, is-socjeta` appellata ghadha ssostni li dawn l-izviluppi, li sehhew snin wara l-akkadut, ma ghandhom l-ebda rifless fuq il-vertenza, waqt li l-appellanti ssostni invece li dan l-agir tas-socjeta` attrici jmur kontra l-principju li d-danneggjat hu tenut li sa fejn jista' ghandu jimminimizza l-*quantum* tad-danni u mhux ikompli jkabbarhom.

8. Fl-ahharnett, dwar danni reklamati jirrizulta li l-prezz imhallas mis-socjeta` appellata ghall-merkanzija kien fis-somma globali ta' Lm23,172.11c – fatt mhux *per se* kkontestat. Fuq dan l-ammont is-socjeta` attrici ppretendiet addizzjonalment telf ta' profitti kkwantifikati fis-somma ta' Lm18,441.67c, kalkolati dawn fuq margni ta' profitt f'percentwal ta' hamsa u hamsin fil-mija (55%). Inoltre, is-socjeta` attrici tghid li inkorriet fi hlasijiet ta'

interessi ghal self ta' kapital fl-ammont ta' Lm4,303.61c. B'kollox ghalhekk hija talbet Lm45,917.40c in linea ta' danni – kwazi d-doppju tal-prezz tal-merkanzija *de quo*.

9. Il-Qorti ta' l-ewwel grad laqghet l-ewwel u t-tieni partiti ta' danni igifieri l-prezz tal-merkanzija u t-telf ta' profitti (f'somma inferjuri minn dik reklamata) filwaqt li m'accettatx it-tielet partita dwar interessi fuq self ta' kapital. Sabet lis-socjeta` konvenuta responsabbli u kkundannatha thallas lill-kontroparti attrici l-ammont ta' Lm35,916.77 in linea ta' danni, bl-interessi legali u spejjez gudizzjarji.

Is-suespost huwa biss sunt ta' l-aspetti saljenti tal-vertenza.

**DWAR L-AGGRAVJI TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

10. L-aggravji tas-socjeta` konvenuta huma relatati mas-segwenti aspetti tas-sentenza appellata:

(i) il-kwistjoni dwar responsabbilta` ghall-akkadut;

(ii) il-*quantum* tad-danni li gew likwidati;

(iii) il-fatt li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra fatti u konsiderazzjonijiet ta' natura legali ghall-fini ta' tnaqqis ulterjuri tad-danni hekk likwidati.

Il-Qorti sejra tikkonsidra kull wiehed minn dawn l-aggravji kif avvanzati mill-parti appellanti fir-rikors ta' appell.

**DWAR RESPONSABBILTA`**

11. Skond it-tezi ta' l-appellant nomine, fin-nuqqas ta' provi li juru b'xi mod li l-agir tas-socjeta` konvenuta ma kienx konformi ma' dak li ragjonevolment kien mistenni minnu fit-twettiq ta' l-obbligi tieghu jew provi li juru li l-kawza ghan-nuqqas ta' konsenja kienet tort tieghu minhabba cirkustanzi li seta' jevita, il-kawza attrici ma ghandhiex tirnexxi. L-appellant nomine jirreferi wkoll b'mod partikolari ghall-Artikolu 17, subinciz 2 tas-*CMR Rules* li jipprovdu kjarament li m'hemmx htija fuq it-trasportatur ("*carrier*") f'kazi li jsehhu

"*...through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*"

Skond l-appellanti, dan kien sewwa sew il-kaz fil-konfront ta’ l-agir tax-xufier tat-“*trailer*”. Si trattava hawn, wara kollox, ta’ “*groupage container*”, fatt li jimplika li flimkien mal-merkanzija tas-socjeta` attrici, titghabba fih ukoll merkanzija ohra ta’ haddiehor. Ma kenitx is-socjeta` konvenuta li tat struzzjonijiet lix-xufier biex ikisser is-sigilli tat-‘*trailer*’ imma kienet invece l-*EUR Services*. F’kull kaz l-awtoritajiet Taljani agixxew fuq mero suspett li finalment irrizulta li lanqas biss kien wiehed fondat.

12. Din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha, qieset il-fatti tal-kaz kif ukoll is-*CMR Rules* u ma jidhrilhiex li dana l-aggravju huwa wiehed fondat. Fl-ewwel lok, tajjeb li jigi osservat li trid tinzamm distinzjoni bejn dak li realment gara bhala fatt u dak li qed jigi mressaq bhala argument minn naha ta’ l-abili avukat tas-socjeta` appellanti. Dan qieghed jinghad ghas-semplici raguni li minn analizi oggettiva tal-fatti li taw lok ghall-akkadut, wiehed ghandu jikkonkludi li r-responsabbilta` tas-socjeta` konvenuta, imqar jekk ma xtaqithiex, kienet wahda cara u evidenti, anzi tirrazenta addirittura l-grossolan.

13. Ibda biex isem il-persuna li effettivament giet inkarigata mis-socjeta` konvenuta biex iggorrilha din il-merkanzija, u li taghha ntalbet sahansitra l-kjamata fil-kawza, ma kienx George Zammit imma Andrew Zammit. Jigi hawn iccarat illi li kieku hawn si trattava ta’ xi zvista jew <u>lapsus calami</u>, din il-Qorti evidentement lanqas biss ma kenitx taccenna ghal tali fatt. Imma l-konvinzjoni tal-Qorti, minn dak li jemergi mill-provi akkwiziti, hija li l-appellanti lanqas biss kienet taf precizament min kien ix-xufier involut. Kemm fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet, fl-elenku tax-xhieda u fir-rikors dwar il-kjamata fil-kawza li gew introdotti fl-atti tal-kawza f’Gunju 1994, l-isem tax-xufier huwa dejjem indikat u moghti bhala George Zammit (ara fol. 8 sa 15 tal-process). Kien biss sentejn wara – f’Mejju 1996 (fol. 66 tal-process) – li l-konvenut nomine Francis Vella identifika lix-xufier bl-isem ta’ Andrew Zammit. Pero` dan il-punt hu wiehed marginali ghall-fini ta’ responsabbilta` u din il-Qorti m’hijiex sejra tibbaza ruhha dwar il-kwistjoni dwar responsabbilta` fuq dan il-punt.

Ferm aktar ta' sostanza huwa l-fatt li dan Andrew Zammit, ghalkemm kien xufier ta' esperjenza fil-garr ta' merkanzija minn pajjiz ghall-iehor permezz ta' "*trailers*", qatt ma kien garr merkanzija ta' din ix-xorta qabel dakinhar. Di fatti, in kontro-ezami, dan xehed hekk (ara fol. 87 u 88 tal-process),
"Jiena kont ilni naghmel xoghol bit-'*trailer*' pero` dik l-okkazjoni kienet l-ewwel darba li ghabbejt sigaretti".

Veru li dan ix-xufier Zammit ikompli jghid li biex kisser is-sigilli tat-"*trailer*", huwa talab qabel u ottjena permess mis-socjeta` estera jigifieri l-*Euro Service* ta' Milan, imma dan il-fatt wahdu mhux bizzejjed biex jehilsu mill-obbligi li kellu di fronte d-destinatarju. Jirrizulta anzi li Zammit kien pjenament konsapevoli ta' dak li suppost isehh qabel jitkissru s-sigilli. Di fatti dwar dan huwa jelabora hekk (fol. 88),
"Nghid ukoll pero` li safejn naf jiena cioe` safejn tasal l-esperjenza tieghi l-*Guardia di Finanza* suppost li jkunu prezenti meta jitkissru s-sigilli."

F'din l-okkazjoni jiena kissirt sigilli anke mhux fil-prezenza tal- *Guardia di Finanza* peress li l-*Euro service* qalli biex naghmel hekk..."

Wara li l-ewwel Qorti analizzat l-istadji kollha tat-tragitt u l-agir tal-partijiet involuti, hija kkonkludiet hekk,
"Kieku x-xufier (Andrew Zammit) kien aktar attent u ezercita aktar prudenza u ha iktar hsieb, dan kollu kien jigi evitat. In-nuqqasijiet ma grawx minhabba xi accident jew forza irrezistibbli. Graw minhabba l-agir irresponsabbli u indebitu ta' min qabbdet biex jaghmel it-trasport is-socjeta` konvenuta".

14. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li din il-konkluzjoni milhuqa mill-Qorti ta' l-ewwel grad hija dik gusta u korretta. Xufier ta' esperjenza, kif certament jirrizulta li kien dan Andrew Zammit, kien messu ppreveda x'setghu jkunu l-konsegwenzi li jnehhi s-sigilli ta' "*trailer*" kontenti merkanzija notorja internazzjonalment bhala wahda suxxettibbli hafna ghall-operazzjonijiet ta' kutrabandu. Irrizulta li fl-ahhar mill-ahhar l-operat ta' dan ix-xufier bl-

ebda mod ma kien fir-realta` wiehed illecitu jew kriminuz imma xorta jibqa' l-fatt li kien l-agir inkonsult tieghu li ta lok ghal suspett u li allura pprecipita sensiela ta' proceduri li stultifikaw ghal kollox il-possibilta` li l-merkanzija _de quo_ titwassal ghand id-destinatarju skond il-ftehim. Is-socjeta` konvenuta ma kienx messha inkarikat persuna li qatt qabel ma kienet involuta fil-garr ta' sigaretti. Kulma kellu jaghmel Zammit – rekwizit li kien wara kollox konxju tieghu – kien dak li ma jkissirx is-sigilli tat-"*trailer*" jekk mhux fil-prezenza ta' l-addetti tal- *Guardia di Finanza*. L-aggravju dwar responsabbilita`, ghalhekk, imressaq mis-socjeta` konvenuta, huwa infondat u qieghed jigi michud.

**(ii) DWAR IL-QUANTUM TAD-DANNI**

15. Is-socjeta` konvenuta mhix taqbel ma' l-ammont likwidat kemm fuq konsiderazzjonijiet ta' natura legali kif ukoll ta' fatt. In partikolari hija tirreferi ghall-Artikolu 23 tas-*CMR Rules* li *inter alia* jaghmel zewg xorta ta' limitazzjonijiet f'kaz ta' kumpens in linea ta' danni. L-ewwel limitazzjoni hija li jispecifika limitu, f'forma ta' "*ceiling*" jigifieri li, (ara subinciz 3 ta' l-Artikolu 23)
"*Compensation shall not however exceed 8.33 units of account per kilogram of gross weight short*."

It-tieni, limitu hu kontenut fis-subinciz 4 ta' l-Artikolu 23 li jistipula hekk,
"*In addition, the carriage charges, custom duties and other charges incurred in respect of the carriage of goods shall be refunded in full in case of a total loss and in proportion to the loss sustained in case of partial loss, but no further damages shall be payable*."

16. L-ewwel Qorti stabbiliet id-danni billi accettat l-ammont intier kwantu ghall-valur imhallas tal-merkanzija u ziedet mieghu ammont iehor ikkalkolat fuq percentwal ta' 55% fuq dak l-ammont bhala telf ta' profitt. Fl-istess waqt l-ewwel Qorti ma laqghetx talba dwar hlas ta' imghaxijiet inkorsi fuq self ta' kapital mill-Bank da parti tas-socjeta` appellata, kif ukoll hadmet, u kwindi rriduciet, l-ammont dovut ghal telf ta' profitti fuq il-prezz tal-merkanzija u mhux fuq ammont akbar kif ippretendiet is-socjeta` appellata.

17. Din il-Qorti taqbel mas-socjeta` appellanti li fid-deliberazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti ma taghmel l-ebda riferenza ghas-*CMR Rules* – daqslikieku dawn ma jezistux jew ma kienux applikabbli ghall-kaz in ezami. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li dawn is-*CMR Rules* setghu jigu injorati b'dan il-mod. Fil-fatt, lanqas is-socjeta` appellata m'hi qeghda tippretendi li dawn ma kenux japplikaw – hekk ara n-nota ta' osservazzjonijiet a fol. 141 sa 144 tal-process.

18. L-ewwel konsiderazzjoni ta' din il-Qorti mela hi li s-*CMR Rules* ghandhom jirregolaw il-likwidazzjoni tad-danni. It-tieni konsiderazzjoni hi li dawn ir-regolamenti ghandhom jitqiesu fl-assjem taghhom u mhux izolatament. Dan qed jinghad il-ghaliex, kif tajjeb gie sottomess mis-socjeta` appellata, hemm artikoli ohrajn fis-*CMR Rules* li ghandhom jittiehdu wkoll in konsiderazzjoni. Fost dawn hemm l-Artikolu 20.1 citat mis-socjeta` appellata, li jghid hekk (ara fol. 112 tal-process):
"*The fact that goods have not been delivered within thirty days following the expiry of the agreed time-limit, or, if there is no agreed time-limit, within sixty-days from the time when the carrier took over the goods, shall be conclusive evidence of the loss of the goods, and the person entitled to make a claim may thereupon treat them as lost.*"

Applikat is-suespost ghall-fatti tal-kaz, ghandu jirrizulta b'mod inekwivoku li d-dewmien kien tali li d-destinatarju seta' jikkunsidra l-merkanzija bhala "*a total loss*". Tibqa' pero` l-kwistjoni ta' l-ammont tal-kumpens. M'hemmx dubju li f'dan il-kaz is-socjeta` appellata kienet tinsab f'qaghda li tikkwantifika fic-cert l-ammont preciz li hija hallset lid-ditta fornitrici bhala valur tal-merkanzija. Fi kliem iehor, tqum hawn il-kwistjoni dwar jekk ghandhiex tigi applikata l-limitazzjoni imposta fis-subinciz 3 ta' l-Artikolu 23, jigifieri dik li,
"*Compensation shall not, however, exceed 8.33 units of account per kilogram of gross weight short.*"

Issa, l-Artikolu 23.1 tas-*CMR Rules* jipprovdi li:

*"When, under the provisions of this Convention, a carrier is liable for compensation in respect of* <u>*total or partial loss*</u> *of goods, such compensation shall be calculated by reference to the value of the goods at the place and time at which they were accepted for carriage"* (sottolinear tal-Qorti).

Ma hemmx dubbju, ghalhekk, li l-limitazzjoni fis-subinciz 3 tapplika sia jekk ikun hemm "total loss" (kif inhu l-kaz odjern) u sia jekk ikun hemm "partial loss". Il-kalkolu korrett f'dan ir-rigward huwa dak maghmul mis-socjeta` appellanti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha tad-19 ta' Awissu, 1997 (ara fol. 137) – kalkolu, dan li, din il-Qorti tosserva, hu <u>differenti</u> minn dak maghmul mill-istess socjeta` fir-rikors ta' appell taghha (ara fol. 165), issa li qeghda taccetta, u s-socjeta attrici appellat mhux tikkontesta, li l-valur tal-merkanzija kien ta' Lm23,173.11!! Skond dan il-kalkolu a fol. 137 (3002 x 8.33 x 1.903819 i.e. il-*gross weight* tal-merkanzija kollha x 8.33 *unit of account* x l-i*Special Drawing Right rate* fix-xahar ta' Mejju, 1993, dan kollu kif jirrizulta mid-dokumenti ezibiti mill-istess socjeta` konvenuta man-nota taghha tat-2 ta' Mejju, 1997, fol. 128), l-ammont massimu ta' danni li hija setghet tigi kkundannata thallas kien ta' Lm47,608.15. Pero`, galadarba l-valur tal-merkanzija rrizulta – u issa ma hemmx aktar kontestazzjoni fuq dan – li kien ta' biss Lm23.172.11, hija din l-ahhar figura li ghandha tithallas bhala kumpens lis-socjeta` attrici.

19. Tibqa' l-kwistjoni l-ohra dwar telf ta' profitti. Dwar dan is-*CMR Rules* jipprovdu kjarament li sakemm il-partijiet ma jkunux ftehmu espressament f'dan is-sens (ara Artikolu 26.2) <u>l-ebda</u> danni ohra m'huma dovuti. L-Artikolu 23.4 tas-*CMR Rules,* citat mis-socjeta` appellanti, jaghmilha cara li hlief ghax-xorta ta' danni li jissemmew espressament f'dan is-subinciz "*no further damages shall be payable*". Il-hsieb wara din il-Konvenzjoni jidher li hu dak li jillimita l-kumpens, bhala massimu, sa l-ammont tal-valur tal-merkanzija, fin-nuqqas ta' xi ftehim specifiku li jkunu dahlu ghalih il-partijiet. Illi ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-ammont ta' Lm12,744.66c moghti mill-ewwel Qorti in aggunta mal-valur tal-merkanzija ghal telf ta'

profitt m'huwiex dovut u din il-parti ta' l-aggravju hija fondata u qeghdha ghalhekk tigi akkolta.

**DWAR TNAQQIS TA' DANNI**

20. Skond is-socjeta` appellanti l-ewwel Qorti messha ppenalizzat ulterjorment lis-socjeta` attrici talli din m'accettatx proposta li saritilha biex minflok il-merkanzija ssekwestrata, hija tiehu ohra li giet supplita zmien wara l-akkadut minn naha ta' l-awtoritajiet Taljani. Li jidher li gara hu li l-awtoritajiet Taljani apparentement irrimpjazzaw is-sigaretti maqbuda b'konsenja ohra. Din il-Qorti adoperat it-terminu "apparentement" ghar-raguni li mill-provi ma jirrizultax preciz jekk din il-partita sigaretti kenitx identika f'kollox ghal dik li giet issekwestrata. F'kull kaz pero` din il-Qorti hija tal-fehma li darba li kienet gia` skattat il-kondizzjoni li hemm imsemmija fl-Artikolu 20.1 tas-*CMR Rules*, is-socjeta` appellata ma kellha l-ebda obbligu li taccetta merkanzija differenti minn dik mixtrija b'konsenja li sehhet hafna xhur wara li suppost giet ikkonsenjata lid-destinatarju. Hija tassew hasra li "*in ultima analisi*", din it-tieni partita spiccat biex intilfet ghaliex ma gietx utilizzata – jinghad "hasra" sakemm wiehed ma jharisx biss mill-ottika tas-sahha, trattandosi ta' sigaretti - imma min-naha l-ohra, is-socjeta` appellata ma kellha l-ebda obbligu legali li taccettaha bilfors. Minbarra dan, is-socjeta` appellanti kien messha, fic-cirkostanzi, insistiet ma' l-awtoritajiet Taljani li tigi kkompensata fi flus u mhux "*in kind*", darba li kien ghadda hafna zmien minn meta l-merkanzija originali kellha tingarr ghand is-socjeta` appellata. Illi ghalhekk isegwi li dan l-aggravju qieghed jigi respint.

21. Mis-suespost ghalhekk isegwi wkoll li filwaqt li dik il-parti tas-sentenza appellata dwar responsabbilita` qeghda tigi kkonfermata; il-parti dwar id-danni u dak deciz dwarha mill-ewwel Qorti qeghda tigi riformata u ridotta ghall-ammont ta' Lm23,172.11c.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tilqa' l-appell tas-socjeta` konvenuta limitatament ghal dik il-parti tas-sentenza appellata rigwardanti l-ammont li gie likwidat in linea ta' danni, u ghalhekk qeghda tirriformaha taht dan l-

aspett izda tikkonfermaha kwantu ghall-bqija, u b'dan ghalhekk li l-*quantum* tad-danni qieghed jigi ffissat fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, mija u tnejn u sebghin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm23,172.11c).

Il-kap ta' l-ispejjez kwantu ghaz-zewg istanzi in vista ta' din ir-riforma, qieghed jigi rispartit hekk: kwart ($^{1}/_{4}$) ghandu jigi sopportat mis-socjeta` attrici appellata u r-rimanenti tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mis-socjeta` konvenuta appellanti; bl-interessi legali fuq l-ammont likwidat mid-data msemmija fis-sentenza appellata, jigifieri mit-22 ta' Settembru, 1993 sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------